# IL-LEGGENDA TAL-BETTIJA Z-ZGHIRA



Bejn in-Normandija u l-Brittanja, f'post il-boghod u hafna zmien ilu kien jghix nobbli sinjur ta' fama kbira. Kien joqogod f'kastell qrib il-bahar; il-kastell tant kien fortifikat tajjeb u mghammar b'suldati lesti li jiddefenduh b'kuragg ta' sur, li n-nobbli qatt ma beza' minn xi re jew princep, duka jew konti li forsi kien jigi johodha kontra tieghu bl-armi. Kien sinjur u fih ragel. Minkejja li



kien nobbli distint, kellu karattru kattiv u supperv u la kien jibza’ minn Alla u anqas mill- bnedmin. Kien ibazza’ lin-nies li kienu joqghodu fir-rahal ta’ taht il-kastell, u joqtol il-merkanti u l-pellegrini li kienu jterrqu ghal xoghlhom. Ma kienx isum u jattendi ghall-quddies u wisq izjed jisma’ il-priedki tal-patrijiet tal-kunvent ta’ San Frangisk. Kulhadd kien izommu bhala bniedem hazin u ta’ bla qalb. Fil-jum tal-Gimgha l-Kbira wara li qam b’temperament hazin, baghat ghall-koki tieghu u ordnalhom b’hafna ghajjat biex isajrulu il-laham tal-priza li kien qabad il-jum ta’ qabel. “Illum irid niekol kmieni, aktar mis-soltu.”

Meta wiehed mill-kavallieri tieghu sema’ din l-ordni sklama, “Sidi, illum il-Gimgha l-Kbira u kulhadd jsum u ma jiekolx laham. Eminni li Alla jikkastigak ta’ dan il-ksur tal-ligi.”

U b’tonn ta’ dahqa wiegbu: “Meta jasal dak iz-zmien, inkun ilhaqt ghallaqt bosta nies.”

“Tahseb inti li Alla ser jibqa’ jittollerak tibqa’ taghmel dan?” wiegbu lura l-kavallier. “Inti ghandek tindem immedjatament u tibki dnubietek. Ragel qaddis eremita sacerdot joqghod fil-qalba tal-foresta ta’ magembna. Ejja mmorru hemm biex tqerr.”

In-nobbli dar lura lejh u qallu b'certa qilla: "Jiena, jiena mmur inqerr?." U filwaqt li qal xi kelmtejn li ma kellux jghidhom ghadda lill-kavallier din ir-rimarka: "Immur hemm kieku ghandu x'nisraqlu."

"Ghal anqas ejja maghna," qallu l-kavallier. In-nobbli li kien jaf kemm il-kavallier kien ihobbu u dak li jghidlu jghidulu ghall-gid, tbissimlu u qallu: "Ara gej minhabba fik. Imma ma inhix ser inqerr." U qabdu t-triq ghal ghand l-eremita'.

**L-Eremita**

Meta waslu fil-post fejn kien joqghod l-eremita, roqgha kwieta u solitarja fil-foresta, il-kavallieri dahlu ghandu. Imma n-nobbli baqa' barra.

Wara li qerrew bil-ghaqal u s-sincerita' kollha, il-kavallieri talbu lil eremita: "Padre, is-sid taghna baqa' barra u l-istat ta' ruhu xejn ma hu tajjeb. Jekk jghogbok aghmel xi haga biex jidhol u jqerr."

L-eremita mistrieh fuq fergha ta' sigra li kien iservih ta' bastun, hareg barra u sellem bil-qima kollha lin-nobbli: "Merhba sinjur kavallier. Ma ghandi l-ebda dubju li inti

bniedem ta’ kortesija. Accetta l-istedina fqira tieghi. Inzel minn fuq iz-ziemel u idhol gewwa l-gharix fqir tieghi.”

In-nobbli b’arja ta’ suppervja u bi kliem xejn dinjituz fuq fommu wiegbu bla tlaqliq: “Nitkellem mieghek? Ghalfejn? U fuqhiex? Ma ghandna xejn komuni jiena u inti! Barra minn hekk ninsab imghaggel u nixtieq nitlaq bla dewmien.” Bla ma qata’ qalbu l-eremita insista: “F’gieh in-nobbilta’ tieghek, nitolbok zur il-kappella tieghi u l-gharix fejn noqghod.”

Mirbuh mill-insistenza ta’ l-eremita u mill-qawwa tieghu, il-kavallier gerger tnejn bejnu u bejn ruhu: “Ara x’mizerja waqajt fiha dalghodu!”  Kontra qalbu accetta l-istedina ta’ l-eremita u nizel minn fuq iz-ziemel bit-tama li ma jdumx f’dak li kien ser jaghmel.

L-eremita hadu minn idejh u mexxih lejn il-kappella. Meta kienu quddiem l-artal, il-bniedem ta’ Alla qallu: “Sinjur, qis lilek innifsek bhala prugunier tieghi. Oqtolni jekk trid imma ma inhiex ser inhallik titlaq minn hawn qabel ma tghidli dnubietek.”

Inhalli ghal immaginazzjoni taghkom x’qilla intela’ biha n-nobbli dak il-hin. “Ma jiena ser nghidlek xejn. Ma nistax nifhem kif ma noqtlokx issa, hawn.”

L-eremita ghal darb'ohra rriskja hajtu. "Hija, ghidli dnub wiehed biss u Alla jghinek tistqarr il-bqija." Wara li ndirizza b'rabja kbira u b'hafna nsulti lil eremita, in-nobbli qallu: "Kollox sew ser nistqarr dnubieti biex nehles minnek, izda kun af li ma rridx nindem minnhom." U b'arroganza kbira stqarr lil eremita l-htijiet kollha ta' hajtu.

**Il-Penitenza.**

Meta quddiemu ra bniedem hekk ta' kuxjenza iebsa, l-eremita beka'. Imbaghad l-eremita issokta jghidlu:" Sinjur, ghal anqas aghtini l-konsolazzjoni li naghtik penitenza."

"X'inhi? Penitenza? X'qed tipprova taghmel minni xi iblah? U x'penitenza tahseb li tista' taghtini?"

"Bhala tpattija ghal dnubietek offri lil Alla sawma kull nhar ta' Gimgha ghal tlett snin," qallu l-patri.

"Sawma? U ghal tlett snin?" ipprotesta n-nobbli, "Inti spiccajt minn sensik, jaqaw? Qatt u qatt!"

"Ghal xahar allura," tenna l-patri.

"Le."

"Allura ghal imhabba ta' Alla mur fil-knisja u ghid Missierna u Ave Marija," hajru l-patri eremita.

In-nobbli qallu: "Dak hin mohli ghalija."



Hawn il-patri stiednu: "Allura ghal imhabba ta' Alla ghamel dan l-att tajjeb. Hu din il-bettija u minn nixxiegha tal-qrib imliha bl-ilma u gibha hawn."

"Jekk b'haga hafifa bhal din nista' nehles minnek, allura, gibha halli mmur u nfittex nigi lura," wiegbu n-nobbli.

Hadha u telaq biha b’passi imghaggel lejn in-nixxiegha izda b’ghageb kbir tieghu meta nizzilha fl-ilma ebda qatra ma dahlet fil-bettija.

Nizzilha kemm-il darba fl-ilma, imma l-bettija baqghet vojta. Thawwad u ma kienx jaf ser jaqbad jaghmel. Gera’ lura ghand l-eremita u qallu;  Inti ser taghmilni oggett tad-dahq man-nies kollha li jafuni. Kull darba li nnizzel il-bettija fl-ilma, il-bettija tibqa’ vojta. Min ser jemmini?” qallu kollu ghadab in-nobbli.

L-eremita qaghad jisma’ bil-pacenzja kollha, imbaghad qallu: “Tassew kif qed tghid inti. Tifel zghir kien igibilhi mimlija bl-ilma dik il-bettija. U inti ma kontx kapaci taghmel dak li jaghmel tifel zghir. Dan hu sinjal minn Alla lilek biex jurik l-istat ta’ ruhek minhabba dnubietek.”

Mimli qilla ghal dik l-umiljazzjoni li tah l-eremita, in-nobbli wiegbu: “Tassew nghidlek li la nahsel rasi jew inqaxxar il-baffi sakemm nimla’ din il-bettija bl-ilma, anke jekk ikolli ndur id-dinja.”

In-nobbli ha l-bettija u xejn aktar, hlief il-hwejjeg li kien liebes u lil Alla u l-anglu kustodju tieghu bhala kumpanni tal-vjagg tieghu.

Meta kien jasal hdejn xi nixxiegha jew ghadira kien jipprova jimla’ il-bettija, imma kien kollu ghal xejn.

Ivjagga qalb il-muntanji u fil-widien, ghadda mill-ghelieqi u foresti, imma kull sforz biex jimla’ dik il-bettija kien bla rizultat. Vojta kienet u vojta baqghet. Wasal biex meta kien jidhol f’xi rahal jew belt kien jittalb xi ikel u meta ma kien isib lil hadd li jaghtih, kien ikollu jsum ghal xi jumejn jew tlieta.

Meta n-nies kien jilmhu lil dan ir-ragel bil-baffi bla sura, xaghru twil, hwejgu mahmuga u mqatta kienu jibzghu minnu. Kulhadd kien jahrab minnu. Spiss kien ikollu jorqod barra, taht xi hajt, fil-ksieh jew fis-shana. Xi uhud kienu jiddiehqu bih.

Sa wasal biex jivvjagga fl-Ingilterra u anke Franza; wasal Spanja u ghadda mill-Italja, l-Ungerija u l-Germanja. F’ebda wahda minn dawn il-pajjizi ma seta’ jimla l-bettija.

Il-vjagg ghamel tieghu. Ma felahx iterraq izjed, sahnasitra sar qisu katavru u kellu jimxi pass pass jistrieh ma’ bastun li ghamel minn zokk ta’ sigra. Il-bettija saret ukoll piz ghalih izda baqa’ jgorrha mieghu marbuta ma’ ghonqu.

**Gimgha kbira ohra.**

Wara kwazi sena ta’ sforzi bla frott, fost rabja u frustazzjoni, iddecieda li jirritorna lura ghand l-eremita.

Kien vjagg ta’ tbatija, izda fl-ahhar wasal lura ghand l-eremita ezattament fil-jum tal-Gimgha l-Kbira.

L-eremita qaddis ma gharafx ir-ragel li kellu quddiemu, imma meta ra dik il-bettija f’idejn il-vjaggatur staqsieh: “X’gabek hawn habib? U min tak dik il-bettija? Daqs sena ilu tajtha lil wiehed sinjur u nghidlek il-verita’ ma nafx



jekk ghadux haj jew miet ghaliex ma regghax gie lura.”

Kollu mimli qilla l-istranjier wiegbu:

“Jiena huwa dak is-sinjur li qed titkellem minnu u dan huwa l-istat li fih gibtni!”

Hawn huwa rrakonta dak kollu li ghadda minnu u kien ghadu ma wriehx sinjali ta’ indiema!,

Bla ma urieh, il-bniedem ta’ Alla nkorla li quddiem kellu ragel li ma riedx jindem. Qallu: “Qed nara li Alla ma accettax il-penitenza tieghek ghaliex inti ghamiltha minghajr ma ndimt mill-hajja hazina tieghek.” Imbaghad l-eremita dar lejn Alla u talbu biex jaghti lil dak il-

bniedem il-grazzja li jnissel dispjacir ta’ dnubietu. “Mulej,” kompla talab l-eremita lil Alla: “Itfa’ fuqi l-kastig tieghek, imma salva lil din ir-ruh li ghandi quddiemi.”

Imghaggeb ghal- ahhar in-nobbli baqa’ miblugh quddiem l-eremita jikbi u fl-istess hin jitlob. In-nobbli haseb f’qalbu: “Tassew li jiena midneb kbir u l-aghar fost il-bnedmin. Kemm huwa ragel tajjeb li lest jissagrifika hajtu ghalija. O Alla ghinni nindem biex ghal anqas dan il-bnieden ikollu l-konsolazzjoni li jarani dispjacut minn htijieti. O Alla tal-hniena nitolbok, ahfirli ta’ dak kollu li jiena hati tieghu.”



Il-qalb iebes tan-nobbli daret lejn Alla u tant kellu ndiema minn dnubietu li beda’ jikbi htijietu. Demgha harget minn ghajnejh, gelbnet ma’ haddejh u baqghegt niezla dritt gol-bettija li kienet ghadha mdendel ma’ ghonqu.

Minnufih il-bettija intliet bl-ilma sax-xfar, sinjal li Alla kien hafirlu kollox.

Dak il-hin stess talab lill-patri eremita biex iqerr u qallu: “Din id-darba b’indiema ghal dnubieti kollha.” Nizel gharkubtejh u stqarr dnubietu kollha. Wara li rcieva l-assoluzzjoni, l-eremita staqsieh jekk riedx jitqarben u n-

nobbli wiegbu li jixtieq. “Haffef patri, ghaliex inhossni li wasalt biex immut.”

Wara li rcieva is-Sagrament ta’ l-Ewkaristija n-nobbli qal lil eremita: “Issa inhossni li ndaft minn kull htija.” U dar lejn il-Mulej Alla u b’wiccu ‘l fuq lejn is-smewwiet talab hekk lil Alla: “Hawn Mulej il-qaddej tieghek qed jistenniek isejjahlu.” U ftit mumenti wara ntelaq f’idejn l-eremita. In-nobbli kien miet.

U gew l-angli u hadu lir-ruh tan-nobbli quddiem Alla biex ghal dejjem igawdih fil-genna.

Quddiem l-artal kien baqa’ biss il-gisem bla hajja tan-nobbli liebes imcercer u bil-bettija mdendla ma’ ghonqu.